MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 145/2012

**Joseph Mamo (I.D. 772455M)**

***kontra***

**Rupert Busuttil (I.D. 424874M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-13 ta` Frar 2012 li jaqra hekk –

*1. Illi l-kontendenti ffirmaw skrittura privata fit-18 ta` Ottubru 2004 fejn il-konvenut xtara u akkwista*

*minghand l-attur dghajsa maghrufa bl-isem "Joseph One", Valletta, Chadron Phantom, 28 pied, inkluz fil-bejgh it-tlitt muturi tal-marka Mariner (Dok. A) u dan versu l-prezz ta` Lm18,500, illum €43,093.38.*

*2. Illi l-konvenut hallas is-somma ta` Lm9,000 illum €20,964.35 izda baqa` qatt ma hallas il-bilanc, nonostante li gie nterpellat sabiex jaghmel dan.*

*3. Illi ghalhekk hemm lok li jinhall il-bejgh in kwistjoni a tenur ta` l-artikolu 1438(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*4. Illi apparti minn hekk l-attur sofra danni kif ser jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta` din il-kawza.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*i) Tordna li jinhall il-bejgh tad-dghajsa maghrufa bl-isem "Joseph One", Valletta, Chadron Phantom, 28 pied, inkluz fil-bejgh it-tlitt muturi tal-marka Mariner maghmul bejn il-kontendenti permezz ta` skrittura privata tat-18 ta` Ottubru 2004 u dan a tenur ta` l-artikolu 1438(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*ii) Tiddikjara illi a kawza tan-nuqqas ta` hlas tal-prezz da parti tal-konvenut l-attur sofra danni.*

*iii) Tillikwida d-danni sofferti mill-attur.*

*iv) Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat li ghalkemm il-konvenut kien notifikat skond il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh tal-kawza, huwa ma pprezentax risposta. Ghalhekk il-konvenut kien meqjus fi stat ta` kontumacja.

Semghet ix-xiehda tal-attur fl-udjenza tat-12 ta` Novembru 2012. Wara li xehed, l-attur ghalaq il-provi tieghu.

Rat li l-konvenut baqa` ma deher qatt ghall-udjenzi ta` din il-kawza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-12 ta` Novembru 2012 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

Fit-18 ta` Ottubru 2004, saret skrittura privata bejn il-partijiet (Dok A) li bis-sahha taghha l-attur biegh lill-konvenut li accetta *dghajsa maghrufa bl-isem "Joseph One", Valletta, Chadron Phantom, 28 pied, inkluz fil-bejgh*

*tlett muturi tal-marka Mariner* ghall-prezz ta` Lm18,500 li minnhom l-konvenut kien diga` hallas lill-attur l-ammont ta` Lm9000, u *l-bilanc kellu jithallas permezz ta` pagamenti mensili, konsekuttivi u ininterrotti ta` hames mitt liri Maltin (Lm500).* Dment li l-konvenut ihallas il-pagamenti rateali, ma kellux jiddekorri imghax. Pero` jekk jibqa` moruz fil-hlas ta` pagament wiehed jew l-ekwivalenti, allura l-konvenut kien jiddekadi mill-beneficcju taz-zmien, il-bilanc isir dovut kollu f`daqqa, bl-imghax ta` 8% b`sehh mid-data tal-morozita`. Id-dghajsa nbieghet *tale quale* fl-istat attwali. Il-konvenut iddikjara li kien spezzjona d-dghajsa u l-muturi u ddikjara ruhu sodisfatt.

**<u>L-attur</u>** xehed illi l-konvenut ha konsenja tad-dghajsa u baqghet ghandu. Ghalkemm hallas xi pagamenti, il-konvenut imbaghad waqaf ghal kollox u kien baqghalu jaghtih madwar Lm10,000 bl-imghax. Jaf li kien hemm zmien fejn il-pulizija hadu d-dghajsa ghax skond il-pulizija kienet sejra tintuza bil-lejl meta ma kienx permess illi jsir hekk. Sar jaf dan mill-pulizija stess ghaliex billi d-dghajsa baqghet tghajjat lilu, il-pulizija fittxew lilu. Il-ftehim mal-konvenut kien illi d-dghajsa ddur f`ismu hekk kif ihallsu l-bilanc kollu tal-prezz. Sar hekk ghaliex fil-kaz tad-dghajjes (diversament mill-vetturi) ma setghetx issir restrizzjoni tal-bejgh. Kien ghalhekk li ma ghamilx it-transfer tad-dghajsa fuq il-konvenut hekk kif kienet iffirmata l-iskrittura. Wara li dahlet il-pulizija, l-attur ma jafx x`sar mid-dghajsa. Meta kellem lill-konvenut biex ihallsu dak li kellu jaghtih skond il-ftehim tal-bejgh tad-dghajsa, il-konvenut wiegbu illi ma kellux mnejn ihallsu.

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>Risultanzi</u>

Bl-istanza tal-lum, l-attur <u>fl-ewwel lok</u> qieghed jitlob li jinhall il-kuntratt tal-bejgh tad-dghajsa de qua li kien sar bil-kuntratt tat-18 ta` Ottubru 2004 (l-ewwel talba) <u>u fit-</u>

tieni lok qieghed jitlob ir-risarciment tad-danni (it-tieni, it-tielet u r-raba` talbiet).

L-attur qieghed isejjes l-istanza tieghu fuq l-**Art.1438(2) tal-Kap.16**, kif *del resto* iddikjara huwa stess **tassattivament**. Id-disposizzjoni taqra hekk –

*Izda, meta l-bejgh hu ta` merkanzija jew ta` hwejjeg mobbli ohra, il-hall tal-bejgh, ghalkemm il-kondizzjoni rizoluttiva ma tkunx giet miftehma espressament, isir ipso jure fl-interess tal-bejjiegh, jekk ix-xerrej, qabel l-eghluq taz-zmien miftiehem ghall-kunsinna tal-haga, ma jmurx biex jirceviha, inkella, ghad li jmur biex jirceviha, ma joffrix fl-istess hin il-hlas tal-prezz, kemm-il darba ma jkunx gie miftiehem zmien ghal dan il-hlas.*

**Meqjusa b`reqqa din id-disposizzjoni fil-kuntest tal-provi akkwiziti, din il-Qorti tghid illi l-ewwel talba ma tistax tkun akkolta.**

B`riferenza ghad-disposizzjoni de qua, din il-Qorti tghid illi ghalkemm jirrizulta li l-bejgh kien ta` dghajsa (*hwejjeg mobbli ohra*) u fl-iskrittura tal-bejgh ma kienx hemm kondizzjoni rizoluttiva espressament miftiehma, il-hall tal-bejgh ma jistax isir *ipso jure*, kif tghid id-disposizzjoni, ghaliex fil-kaz tal-lum, irrizulta li malli sar il-bejgh, **ix-xerrej ha l-konsenja d-dghajsa** u allura sehh it-*traditio*. Li jfisser li z-zewg xenarji alternattivi kontemplati mid-disposizzjoni de qua mhumiex applikabbli ghall-kaz tal-lum. Infatti l-ewwel alternattiva tittratta l-kaz *jekk ix-xerrej, qabel l-eghluq taz-zmien miftiehem ghall-kunsinna tal-haga, ma jmurx biex jirceviha* – mhuwiex il-kaz tal-lum – u t-tieni alternattiva tittratta meta x-xerrej *ghad li jmur biex jirceviha, ma joffrix fl-istess hin il-hlas tal-prezz, kemm-il darba ma jkunx gie miftiehem zmien ghal dan il-hlas.* Lanqas ma huwa dan il-kaz. Partikolarment dwar din tal-ahhar, irrizulta li l-attur ikkonsenja d-dghajsa lill-konvenut mal-kuntratt meta l-konvenut kien diga` hallsu Lm9000 u kien fadallu jhallsu l-bilanc tal-prezz permezz

ta` pagamenti rateali mensili. Il-fatt li d-dghajsa baqghet registrata f`isem l-attur meta kienet fil-pussess tal-konvenut ma jaghti l-ebda sostenn lill-attur ghall-istanza tieghu skond id-disposizzjoni citata minnu. Il-kompitu tal-qorti huwa li tiddeciedi skond il-kawzali u t-talbiet. U l-provi akkwiziti b`ebda mod ma jaghtu sostenn lill-attur fl-ambitu tad-disposizzjoni li tahtha fittex kenn minn din il-qorti.

**Ghar-rigward tat-tliet talbiet l-ohra attrici, din il-qorti tghid illi <u>lanqas dawn ma jistghu jintlaqghu</u>.**

L-istanza attrici twassalx biex tkun milqugha t-tieni talba ghaliex l-istanza kif promossa ma taghtix lok ghal dikjarazzjoni ta` responsabilita` ghal danni. Dan huwa manifest anke mill-mod kif kienet imfassla t-tieni talba. Il-fatt illi l-bqija tal-prezz tal-bejgh baqa` ma thallasx ma jaghtix lok ghal azzjoni ghal danni izda ghal azzjoni biex l-attur jithallas il-bqija tal-prezz li baqa` ma thallasx skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt. Ghalhekk din il-qorti ma tistax taghti konsiderazzjoni lit-tielet u r-raba` talbiet. *In ogni caso* premess illi fl-ambitu tal-azzjoni kif dedotta l-attur ma setax jitlob dikjarazzjoni ta` responsabilita` *a kawza tan-nuqqas ta` hlas tal-prezz da parti tal-konvenut* din il-qorti tirrileva li l-attur ma ressaq l-ebda xrara jew sembjanza ta` prova tad-danni li allegatament garrab *a kawza tan-nuqqas ta` hlas tal-prezz da parti tal-konvenut.*

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet kollha tal-attur, bl-ispejjez kontra l-attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------